**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 26 ta' Mejju 2021

Rikors Numru: 137/18 AL

**A B (KI 361187M)**

**vs**

**L-Avukat Dr Raisa Colombo u l-Prokuratur Legali Peter Sammut nominati b'digriet tal-10 ta' Diċembru 2019 biex jirrapprezentaw lill-assenti C D sive D E B (KI 44501L), u b'digriet tal-4 ta' Novembru 2020 Dr Raisa Colombo ġiet estromessa u sostitwita bl-Avukat Dr Josette Sultana**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 630/2014)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

[1] Fol. 1 – 7.

1. *Illi l-kontendenti izzewġu nhar l-erbgħa u għoxrin ta' April tal-elfejn u erbatax (24.04.2014) u minn dan iz-zwieġ huma kellhom tifla minuri F B li twieldet fis-sitta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (26.07.2014);*

2. *Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba abbuz, vjolenza, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet oħra, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;*

3. *Illi għalhekk il-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;*

4. *Illi il-partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti mnn dina l-Onorabbli Qorti datat 26 ta' Marzu 2018 (Dok. A);*

5. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabli lill-konvenut fosthom vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;*

*2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F B f'idejn l-esponenti, u sabiex tieħu kwalunkwe deċizjonijiet relatati mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dank if jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Tordna li l-imsemmija minuri tirrisjedi mal-esponenti;*

*4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mil-konvenut għall-minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija tifla tagħlaq l-eta' ta' tmitax(18) –il sena jekk tieqaf mil-iskola u tibda taħdem bi qliegħ jew sa tlieta u għoxin (23) sena jekk il-minuri tiddeċiedi li tibqa' tistudja; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-*

*impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-għoli tal-ħajja;*

*5. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri sakemm tkun għadha qed tistudja; inkluz u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjez oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluz spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari;*

*6. Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u oportuni li jikkonċerna lill-minuri F B, fosthom, izda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaport għandu jinzamm mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u opportune li jigħoġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;*

*7. Toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kodiċi Ċivili a favur l-esponenti, u jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa, din l-Ordni tiġi estiza a favur l-ulied tal-partijiet u l-membri tal-familjari tal-esponenti;*

*8. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

*9. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tala-akkwist jiġu maqsuma f'zewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi filwaqt li tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha jew kwalunkwe kreditu ieħor, u dana fi zmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;*

*10. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvent fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' divijoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit mnn dina l-Onorabbli Qorti;*

*11. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mil-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*12. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe' 'H';*

*13. Tallega l-atti tal-medjazzjoni Nru 989/17 mal-kawza odjerna;*

*14. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwai sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviz tas-smigħ nhar it-13 ta' Awwissu 2018,[2] ma weġibx permezz ta' risposta ġuramentata entro t-terminu ta' għoxrin (20) jum ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant fl-udjenza ta' nhar l-4 ta' Ottubru 2018, l-konvenut ġie ddikjarat kontumaċi f'dawn il-proċeduri.[3] Permezz ta' rikors, il-konvenut ittenta jiġġustifika l-istat ta' kontumaċja li jinsab fih u dan bl-intiza li jirrintegra ruħu fil-proċeduri odjerni. Madanakollu u permezz ta' sentenza mogħtija nhar il-20 ta' Diċembru 2018, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut u kkonfermat li l-konvenut jinsab fi stat ta' kontumċja;[4]

Rat l-affidavits kollha li ġew ppreżentati;

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti minnhom esebiti fis-seduti miżmuma quddiem il-Assistant Ġudizzjarju Dottor Abigail

[2] Fol. 10.
[3] Fol. 13.
[4] Ara s-sentenza fl-ismijiet A B vs C D E B, bin-numru 137/18/3 AL.

Critien;

Rat is-sentenza fl-ismijiet premessi bin-numru 137/18/2 AL ta' nhar l-4 ta' Diċembru 2018, fejn il-Qorti ddeċediet illi tilqa' t-talbiet tal-attriċi u ċjoe' tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza fl-ismijiet premessi bin-numru 137/18/4 AL ta' nhar id-29 ta' Ottubru 2020, fejn il-Qorti ddeċediet illi tilqa' t-talbiet tal-attriċi u ċjoe' tawtorizza l-korrezzjoni fit-talba numru disgħa (9) tar-rikors ġuramentat;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar it-3 ta' Diċembru 2020 fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, liema fakolta' ingħatat ukoll lil konvenut kontumaċi u dan abbazi tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C D sive D E B ħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ;
2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, inkluz li l-konvenut ddekada mid-dritt tiegħu għall-manteniment minn għand l-attriċi;
3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, ir-residenza u l-manteniment għall-minuri F B
4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;
5. Tillikwida u tassenja l-assi parafernali tal-attriċi;
6. Toħroġ ordni ta' protezzjoni favur l-attriċi u l-familjari kollha tagħha;
7. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha 'H'.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut*

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tispjega li ltaqgħat mal-konvenut nhar il-15 ta' Settembru 2013 matul kunċert tal-muzika li sar ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordina, fejn l-attriċi kienet tattendi bħala kantanta fuq bazi ta' volontarjat. Meta ltaqgħu l-ewwel darba fil-ġurnata surrfeG, l-attriċi tirrileva li l-kliem li qalilha l-konvenut kienu *"I want to settle down have a girlfriend and build a family and live a peaceful life as I am tired of living this life"*. F'dak il-perjodu, l-attriċi tikkontendi illi l-konvenut kien ikun jista' joħroġ mill-ħabs stante li kien qiegħed jagħmel xi xogħol fil-komunita' u matul dawn il-mawriet barra mill-ħabs, il-konvenut kien jistieden lill-attriċi sabiex tiltaqa' miegħu. L-attriċi tistqarr li kienet ferħana b'dan ir-rapport u kull ma jmur l-partijiet dejjem kienu qed jersqu iktar lejn xulxin. Wara ftit xhur flimkien, l-attriċi ħarġet tqila u l-konvenut kien ippropona li jizzewġu. Tajjeb li jiġi sottolinejat li l-konvenut ibati mill-vizzju tad-droga, liema problema ilha tezisti sa mill-eta' ta' tnax-il (12) sena.

L-attriċi tallega li l-konvenut mal-ewwel beda juri sinjali ta' abbuz kemm verbali u kif ukoll emozzjonali, għalkemm dak iz-zmien l-attriċi kienet tiffraintendi tali aġir da parti l-konvenut u kienet taħseb illi l-mod kif kien qiegħed iġib ruħu magħha kien sforz l-imħabba li kellu lejha. L-ewwel sinjali ta' abbuz kienu dawk ta' għira lejn l-attriċi, fejn il-konvenut ma kienx jafda lill-attriċi. L-attriċi tispjega li l-konvenut kien jitlobha sabiex tbiddel in-numru tal-linja telefonika taċ-ċellulari kull ftit zmien sabiex b'hekk in-nies li kienu jafuha qabel ir-relazzjoni mal-konvenut ma jkunux iktar f'pozizzjoni li jikkomunikaw magħha. Tikkontendi li minħabba tali għira, l-attriċi kellha twaqqaf il-karriera muzikali tagħha għaliex kienet bezgħana illi matul xi avveniment muzikali tiltaqa' ma' xi ħadd li taf u kien ikollha tieqaf tkellmu jew tkellimha. Tant kemm matul iz-zmien il-konvenut sar manipulattiv, illi meta l-partijiet kienu jkunu qegħdin jimxu fit-triq, l-attriċi kienet waslet fl-istat li hi u timxi, kienet tħares 'l isfel sabiex b'hekk ma jkunx hemm il-lok li l-konvenut jaħseb illi l-attriċi kienet qiegħda tħares lejn ħaddieħor. Fil-fatt l-attriċi tisħaq fl-affidavit tagħha illi l-konvenut kien jgħidilha illi *"while walking with me you have to look down to show me respect don't you dare put your head up"* u kien ukoll jgħidilha sabiex tagħtih iċ-ċellulari tagħha sabiex ikun jista' jikkontrolla ma' min kienet qiegħda tikkomunika. Ġie allegat ukoll illi l-attriċi ma setgħax ikollha aċċess għal pjattaformi tal-midja soċjali. Magħdud ma' dan u filwaqt li kien ikun lura l-ħabs, l-attriċi tallega li l-konvenut kien iċemplilha b'mod kostanti sabiex jivverifika fejn qiegħda u x'qed tagħmel. Saħansitra jiġi allegat mill-attriċi illi kien hemm drabi fejn l-konvenut kien jipperkludiha milli tinħasel jew li tikkura lilha nnifsha sabiex b'hekk ma tkunx infidila lejh.

Barra minn hekk, il-konvenut kien ukoll ta' sikwit jhedded u jintimida lill-attriċi fejn b'mod partikolari kien jgħidilha illi *"jekk tweggani inweggak id-doppju u tripplu ta li tweggani int jigifieri oqghod attenta x'taghmel mieghi"*, li jekk titilqu *"naharqek go karozza jew rasek naqtahillek nitfahha go barmil u ntiha lil ommok u familja nbellahkom"*, *"noqtollok il-familja"* u kif ukoll *"an ugly bitch like you I am sure you never had any man as beautiful as me, who will want you if you ever leave me? Don't forget you have two kids now, no one will wat a fat ugly woman with 2 kids"*. L-attriċi tikkontendi ukoll li l-konvenut kien jinsisti mal-attriċi sabiex tigdeb għalih u tgħid man-nies

li m'għadx għandu l-problema tad-droga, u jheddidha illi jekk jerġa' jinqabad mill-Pulizija kien ikun it-tort tagħha u *"dak it-tifel iswed li ghandek vjola ingibulek, inqabbad lil xi hadd joqtlu u xhin narah jinqatel inhares u nidhaq"* (u dan b'referenza għal wild l-ieħor li għandha l-attriċi minn relazzjoni preċedenti). Fl-aħħar nett l-attriċi tgħid illi l-konvenut kien jgħidilha ukoll illi *"qabel narak frankuni ma nkunx kuntent"*.

Madanakollu l-abbuz fuq il-persuna tal-attriċi kien ukoll wieħed fiziku. Fil-fatt l-attriċi tallega li l-ewwel darba li l-konvenut kien vjolenti fiziku magħha kien proprju matul l-ewwel ġimgħa taz-zwieġ tagħhom, fejn waqt li kien qiegħed jagħmel xi xogħol fil-komunita' u l-attriċi marret toħodlu biċċa kejk tat-tieġ tagħhom stess, l-konvenut safa' jross lill-attriċi bil-kejk b'kollox mal-ħajt. Inċident ieħor, hekk allegat mill-attriċi stess fl-affidavit tagħha, huwa meta kellha xi tgħid mal-konvenut dwar il-fatt li ma kienx jippermettilha li jkollha profili fuq il-midji soċjali, fejn ipprova jħebb għaliha u għolliha mal-ħajt. Darb' oħra fejn il-konvenut ipprova jħebb għaliha kien meta l-konvenut kien fuq *parole* u kienu jinsabu l-isptar minħabba kwistjoni medika li kellha bint il-partijiet. L-attriċi tirrakkonta illi waqt li kienu l-isptar, il-konvenut kien taħt l-influwenza tad-droga u ried illi l-attriċi tagħtih iċ-ċellulari tagħha, izda din irrifjutat u ħebb għaliha. Magħdud ma' dan, l-attriċi fl-affidavit tagħha, tagħti rendikont ta' numru ta' istanzi oħra fejn kien hemm abbuz fiziku da parti l-konvenut fuq il-persuna tal-attriċi, li jinkludu istanzi ta' swat, istanza fejn faqalha t-tambur ta' widnejha, okkazjoni oħra fejn ittenta jitfaħha barra mill-karozza wara li rrifjutat li tipprostitwixxi lilha nnifsha kif ried hu u darba oħra fejn il-konvenut ġera warajha b'sikkina minħabba li ma sajritx kif ried hu. Jingħad illi l-abbuz fiziku eskala ferm wara li l-konvenut ħareġ mill-ħabs fuq *parole* fl-2017. Kien hemm okkazzjonijiet fejn minħabba l-abbuz li sofriet minnu, l-konvenut ħalla lill-attriċi b'marki tas-swaba ma' għonqha. Il-konvenut kien ukoll jaħraqha bis-sigaretti, fejn fil-fatt għad għandha marka ta' ħarqa fuq idejha. L-aħħar incident fiziku li seħħ kien meta l-konvenut kellu l-ġuħ u omm l-attriċi marret tixtri xi ikel u damet ma ġiet lura, u b'hekk l-konvenut ħebb għall-attiċi fejn waddabha fuq is-sodda u qabadha minn għonqha. Skont l-attriċi, kienet proprju binthom stess li salvatilha ħajjitha għaliex bdiet tgħajjat sabiex il-konvenut jitlaq lill-ommha.

Forma oħra ta' abbuz li sofriet minnu l-attriċi kien dak finanzjarju. Fl-affidavit tal-attriċi jingħad illi l-flus kienu dejjem problema matul ir-relazzjoni tagħhom għaliex il-konvenut dejjem ried li l-attriċi tixtrilu l-affarijiet u jekk ma tagħmilx dak li jgħidilha hu kien jinkorla. Tallega li matul iz-zwieġ xtratlu: (i) karozza permezz ta' *loan,* (ii) mutur permezz ta' *loan*, (iii) ċellulari permezz ta' *loan*, (iv) laptop permezz ta' *loan*. Barra minn hekk ħalsitlu ukoll għal kors ta' *tattooing*, numru ta' ċitazzjonijiet u ħwejjeġ u zraben ta' marki rinomati. Magħdud ma' dan, il-ġenituri tal-attriċi taw lil konvenut is-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) f'aġġeġġi għat-*tattooing*, u kif ukoll saqaf fuq rasu meta ħareġ mill-ħabs. Minħabba dawn il-*loans* kollha, l-attriċi kienet u għadha qed issoffri finanzjarjament.

Minkejja z-zmien li skonta l-ħabs u l-programmi li għamel, l-attriċi tgħid li l-konvenut qatt ma ssupera l-vizzju tad-droga. Huwa kompla jagħmel uzu mid-droga matul ir-relazzjoni tagħhom, u saħansitra jabbuza mid-droga stess quddiem binthom F. Wara li ħareġ mill-ħabs fuq *parole* fis-sena 2017, l-attriċi tgħid illi huwa iffalsifika ċertifikati mediċi sabiex b'hekk ma jkunx jista' jattendi seduti relatati mal-*parole* u minnflok ikun taħt l-effett tad-droga. Darba minnhom u waqt li l-konvenut kien qiegħed taħt l-effett tad-droga, qal lill-attriċi li hi mara verament b'saħħitha u li mingħajru tkun ħafna aħjar. Fil-fatt fl-affidavit tagħha l-attriċi tgħid li dan għamillha l-kuraġġ sabiex titlaq mir-relazzjoni, tant li wara l-aħħar incident fiziku, ċemplet *social worker* u bdiet tippjana metodu kif tista' titlaq minn din ir-relazzjoni b'mod sikur kemm għaliha u kif ukoll għal uliedha. L-attriċi tirrileva li nhar it-13 ta' Ġunju 2017 marret Dar Merħba Bik, fejn damet b'kollox tlett (3) ġimgħat. Sakemm damet hemmhekk, tkellmet ma' tobba rigward il-ġrieħi li soffriet. Matul dawn it-tlett (3) ġimgħat, il-konvenut kiser il-*parole* tiegħu u b'hekk reġa' ġie arrestat. Wara li ġie arrestat l-konvenut ċempel lill-attriċi izda huwa qatt ma staqsa jew interessa ruħu f'bintu. Minħabba din ir-relazzjoni, l-attriċi tikkontendi li għadha ssofri fizikament u kif ukoll mentalment tant li tfittex għajnuna minn għand psikoloġisti u nuroloġist minħabba li qiegħda tbati mill-kunsizzjoni tal-Fibromyalgia.

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi resqet: (i) ritratti tal-feriti kkaġunati mill-konvenut,[5] (ii) ċertifikat mediku tal-attriċi,[6] (iii) korrispondenza mal-LESA,[7] (iv) *statement* mill-Intercomp,[8] (v) l-affidavit ta' ommha G H;[9] (vi) ix-xhieda ta' Ivan Sultana in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Probation u Parole,[10] fejn in sostenn tax-xhieda tiegħu ezebixxa rapport dwar l-ksur tal-*parole* datat 14 ta' Ġunju 2017,[11] digriet tal-Parole Board li jistabilixxi li l-liċenzja tal-*parole* ġiet revokata,[12] u *email* meta l-konvenut daħal lura l-ħabs nhar it-22 ta' Ġunju 2017;[13] (vii) x-xhieda ta' Bernardette Briffa in rapprezentanza ta' Dar Merħba Bik,[14] fejn ezebiet rapport mħejji minnha stess rigward l-attriċi;[15] (viii) ix-xhieda tas-Social Worker Sarah Micallef in rapprezentanza tad-Domestic Violence Unit tal-Aġenzija Appoġġ,[16] li ezebiet notamenti magħmula minnha stess rigward il-kaz in kwistjoni;[17] (ix) ix-xhieda ta' Ashley Cumbo in rapprezentanza ta' Sedqa,[18] li pprezenta dokument rigward il-vizzju tad-droga li għandu l-konvenut;[19] (x) Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta' Malta,[20] li permezz tal-istess jezebixxi tmien (8) kopji ta' sentenzi kriminali mogħtija fil-konfront tal-konvenut;[21] (xi) ix-xhieda tal-Pulizija Jurgen Harrington PC 1369,[22] li ezebixxa l-fedina penali tal-konvenut,[23] u r-rapporti li saru fil-konfront tal-istess konvenut;[24] (xii) ix-xhieda ta' Melanie Bugeja in rapprezentanza ta' Intercomp Marketing Limited,[25] li ezebiet dokument rigward bejgħ ta'

---

[5] Fol. 298.
[6] Fol. 299.
[7] Fol. 300 – 302.
[8] Fol. 303 – 304.
[9] Fol. 305- 306.
[10] Fol. 281 – 282.
[11] Fol. 289.
[12] Fol. 286.
[13] Fol. 287.
[14] Fol. 255 – 256.
[15] Fol. 260 – 263.
[16] Fol. 312.
[17] Fol. 315 – 316.
[18] Fol. 312 - 313.
[19] Fol. 317.
[20] Fol. 325.
[21] Fol. 326 – 369.
[22] Fol. 374.
[23] Fol. 392 – 403.
[24] Fol. 404 – 416.
[25] Fol. 373 – 374.

ċellulari,[26] dokument rigward bejgħ ta' laptop,[27] u *transaction history* taz-zewġ oġġetti msemmija;[28] u (xiii) ix-xhieda ta' Stephen Scerri in rapprezentanza ta' PC Options Ltd (Scan),[29] li ezebixxa rċevuta ta' bejgħ ta'*Ipad,*[30] u irċevuta ta' ċellulari.[31]

*Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi*

Il-Qorti tirrileva li l-intimat huwa kontumaċi f'dawn il-proceduri u għalhekk, il-Qorti hija sprovvista mill-verzjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-kaz odjern. Minkejja d-dritt tiegħu li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenut baqa' sabiex dan ma għamlux.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti u għaldaqstant tibda billi tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[32] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda

[26] Fol. 378 – 383.
[27] Fol. 384 – 390.
[28] Fol. 391.
[29] Fol. 374.
[30] Fol. 417 – 419.
[31] Fol. 420 – 422.
[32]Deċi - ża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[33] u **Antoinette Cauchi vs C Cauchi**,[34] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom"*, filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima"*.[35] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[36] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[37]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma*

[33]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[34]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[35]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

[36]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

[37]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

*ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[38]

Wara li ġie stabbilit il-qafas legali, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika l-prinċipji hawn fuq imsemmija għal kaz odjern. Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti da parti l-attriċi ma tarax għaliex m'għandhiex tiddeċiedi li z-zwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentament tgħaddi sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ukoll tal-fatt illi l-partijiet fil-prezent ma jgħixux taħt l-istess saqaf u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-Qorti tibda sabiex tirrileva fil-kaz odjern il-provi mresqa mill-attriċi huma tant vasti li ma jħallu l-ebda dubju fil-kuxjenza tal-Qorti dwar is-sitwazzjoni li kienet qiegħda tgħix fiha l-attriċi. Fl-ewwel lok l-Qorti tibda sabiex tevalwa d-dipendenza tal-konvenut fuq id-drogi. Mill-provi mresqa ġie stabbilit b'mod konkret illi minn eta' tenera sal-mument li l-partijiet kienu għadhom qed jgħixu flimkien bħala koppja mizzewġa, l-konvenut kellu l-vizzju tad-droga. Mid-dokument ezebit minn Ashley Cumbo in rapprezentanza tal-Aġenzija Sedqa,[39] jidher illi l-kovenut għamel l-ewwel kuntatt mal-Aġenzija Sedqa f'Ottubru 1996 u t-tieni kuntatt kien fl-2006 liema kuntatt baqa' għaddej sal-2016, fejn nelfrattemp beda jattendi d-*Detox Centre* ġewwa Ġwardamanġja. Matul dan iz-zmien jidher li l-konvenut kien dejjem taħt is-supervizjoni tal-*keyworker* Vicky Scicluna. Mill-istess dokument jiġi stabbilit ukoll illi l-konvenut attenda diversi programmi ta' riabilitazzjoni, fosthom programmi fl-1996, 2006 u 2015. Għal raġuni mhux magħrufa, l-Qorti rat li l-attriċi ma resqietx ix-xhieda tal-imsemmija Vicky Scicluna, liema xhieda setgħet tipprovdi iktar informazzjoni dwar il-problema tal-konvenut, l-progress jew regress tiegħu f'dan ir-rigward matul is-snin. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tistgħax ma tieħux konjizzjoni tax-xhieda ta' Vicky Scicluna kif rapportata fis-sentenza kriminali **Pulizija vs C D E B**,[40] liema sentenza ġiet esebita fl-atti tal-kawza odjerna. Din

---

[38]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[39] Fol. 317.
[40] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali deċiza nhar it-12 ta' Jannar 2011, a fol. 346 – 347: *"Din il-Qorti effettivament semghet lil Vicky Scicluna li xehdet li ilha taf lill-appellant aktar minn hames snin, u tliet snin u nofs minnhom il-habs fejn baqghet issegwieh. Hija spjegat li hames snin ilu l-appellant beda programm u mar tajjeb izda telaq ghax kellu partner b'zewgt itfal u hass li kellu jikkontribwixxi fil-hajja ta' dawn it-tfal. Kien ghaddej*

ix-xhieda titfa' dawl fuq il-fatt li l-konvenut qatt ma kellu familja u kien għatxan li jkollu familja tiegħu, u sa minn eta' bikrija huwa kien qiegħed jiġi segwit minn diversi professjonisti, inkluz psikologi, u dan minħabba t-tendenzi tiegħu. Jingħad ukoll li minkejja li għamel zmien *clean* mid-droga, huwa xorta sab it-triq għall-fejqan minn din id-dipendenza bħala waħda diffiċli u ta' sikwit kien jerġa' jaqa' għat-tendenzi passati.

Fil-fatt il-Qorti tevalwa li l-problema tad-droga tal-konvenut fuq medda ta' snin hija evidenti ukoll mir-rapporti li saru fil-konfront tiegħu mal-Pulizija,[41] mill-fedina penali tiegħu stess,[42] u kif ukoll mis-sentenzi kriminali esebiti,[43] fejn jidher li minħabba l-imsemmija problema l-konvenut kemm-il darba xellef id-dwiefer mal-Pulizija u mal-Ġustizzja. Għaldaqstant u tenut kont ta' dawn il-provi kollha, l-Qorti temmen li ma hemm l-ebda dubju li l-vizzju tad-droga kien wieħed konsistenti u b'hekk ma hemmx lok għaliex ma għandhiex temmen lill-attriċi illi l-konvenut baqa' jagħmel uzu mid-droga anke matul ir-relazzjoni tagħhom.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tkompli tirriafferma l-konkluzjonijiet tagħha dwar id-dipendenza tad-droga tal-konvenut matul ir-relazzjoni tal-partijiet permezz tax-xhieda ta' Ivan Sultana in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Probabtion u Parole. Is-Sur Sultana ddikjara li l-konvenut beda bil-*parole* nhar is-6 ta' April 2017, li kellu jispiċċa fit-

---

*clean, motivat hafna minhabba dawn it-tfal u, ghalkemm ma kellux xoghol, kien jiehu hsieb id-dar. Qalet li l-appellant kien baqa' jmur l-ufficcju taghha Santa Venera izda kellu kaz li dwaru ra li kien se jigi kkundannat ghall-habs u beda jitfixkel ftit. Mar il-habs izda baqghet issegwieh. Il-habs ghadda minn zminijiet tajbin u hziena. Beda jirrifletti dwar iz-zmien meta finalment johrog mill-habs. Ix-xhud qalet: "Hu ma tantx jidher li jixtieq ikompli t-triq li kien fiha qabel. Ghejja." Ta' disa' snin kien diga` beda jdur ma' l-inhawi tad-Detox. Ta' tlettax-il sena dahal programm. Bejn disa' snin u tlettax-il sena kein hemm hafna nies isegwuh, inkluz psikologi. Missieru ma jafx jekk jezistix u ommu ma tantx kienet prezenti f'hajtu. Huwa intelligenti hafna u meta juza dik l-intelligenza tajba jirnexxi. Semmiet kif bil-hila tieghu biss tghallem il-programming tal-computer u fetah business tal-computers. Jixtieq jidhol programm izda Santa Marija ma jistax jidhol jekk ikollu aktar minn tmintax-il xahar priguneri ja. Ix-xhud qalet li hi se tibqa' ssegwieh u fil-programm jippreparawh ghar-ritorn tieghu fis-socjeta`. Peress li l-appellant qatt ma kellu familja, hu jixtieq li jaghmel familja, li jkun missier ghaz-zewgt itfal li ghandu, ghalkemm dan ma tantx kien facli hafna ghalih minhabba l-atteggjament ukoll tal-partner li kellu li ma tantx ghenitu u kien hemm drabi meta kienet il-fattur li waqa'".*

[41] Fol. 404 – 416.

[42] Fol. 392 – 403.

[43] Ara s-sentenzi: (i) **Pulizija vs C sive D B**, bin-numru 239/06, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Frar 2008, fejn il-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jinserixxi lil B fi programm residenzjali ta' riabilitazzjoni minħabba l-problema tal-abbuz ta' droga kif ukoll jiprovdilu għajnuna psikoloġika, a fol. 326 – 334, (ii) **Pulizija (Jurgen Vella) vs C D E B**, bin-numru 12/2013, deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Ottubru 2013, a fol. 365 – 369.

12 ta' Mejju 2019 u dan f'kaz li l-konvenut jobdi l-kundizzjonijiet mogħtija lilu, senjatament li jissottometti kampjun tal-urina tiegħu stess u jittestja negattiv għad-droga. Madanakollu jidher li l-kovenut ma baqax jobdi l-kundizzjonijiet mogħtija lilu u dan peress li ma baqgħax imur għall-appuntamenti tiegħu minħabba allegat uġigħ f'dahru. Minħabba dan l-aġir jidher li saret *home visit* mingħajr preavviz, fejn il-konvenut ma nstabx id-dar u b'hekk id-Dipartiment tqanqalu suspett raġonevoli illi l-konvenut kien qiegħed jabbuza mid-droga.[44] Mill-istess *home visit* ġiet zvelata l-veG' kollha mill-attriċi u ċjoe' l-vjolenza, l-aggressjoni, l-abbuz u l-uzu kostanti mid-droga. Konsegwentament jidher li l-konvenut ġie arrestat mill-ġdid u l-*parole* ġiet revokata.

Madanakollu mill-provi in kwistjoni jidher illi d-dipendenza tal-konvenut fuq id-droga ma kienetx l-unika problema, izda jidher illi l-konvenut kellu l-problema, *inter alia*, ta' serq, vjolenza u theddid, u dan kif ikkonstat senjatament bir-rapporti magħmulha kontra tiegħu mal-Pulizija, l-fedina penali u s-sentenzi kriminali esebiti.[45] Bir-reċedivita` tal-konvenut f'dan ir-rigward, ma jonqosx illi l-Qorti tkun moralment konvinta illi l-attriċi sofriet minn abbuz emozzjonali, verbali, u fiziku. Fl-affidavit tagħha l-attriċi tagħti rendikont ta' kif beda l-abbuz da parti l-konvenut u kif dan eventwalment kompla jeskala maz-zmien, tant illi l-attriċi sfat kontinwament attakkata verbalment u fizikament, u mhedda bil-ħajja tagħha u tal-familjari, speċjalment b'ta' ommha u binha b'karnaġġon skur mwieled minn relazzjoni preċedenti. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni li ma temminx l-verzjoni attriċi, liema verzjoni ma ġietx kontradetta, u ċjoe' it-theddid kollu hekk imsemmi fl-affidavit tagħha, u dan meta huwa ben stabbilit mill-fedina penali, rapport u sentenzi ġudizzjali li l-konvenut għandu

---

[44] Ara x-xhieda ta' Ivan Scicluna a fol. 282.

[45] Ara l-fedina, r-rapporti li saru mal-Pulizija u s-sentenzi: (i) **Pulizija vs C sive D B**, bin-numru 239/06, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Frar 2008, a fol. 326 – 334, (ii) **Pulizija (Spettur Joseph Mercieca u Spettur Carlo Ellul) vs C D E B**, deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar is-17 ta' Marzu 2008, a fol. 335 – 338, (iii) **Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) vs C D E B**, bin-numru 533/2007, deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-30 ta' Ġunju 2010, a fol. 339 – 344, (iv) P**ulizija vs C D E B**, bin-numru 315/2010, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Jannar 2011, a fol. 345 – 348, (v) **Pulizija (Spettur Raymond Cassar) vs C D sive D E B**, deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-15 ta' Marzu 2012, a fol. 349 – 354, (vi) **Pulizija (Spettur Daryl Borg) vs C D E B**, deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali har il-4 ta' Ġunju 2012, a fol. 355 – 356, (vii) **Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) vs C D E B et**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-14 ta' Frar 2013, a fol. 357 – 364.

tendenza li jhedded, jintimida u jbezza' lin-nies. Tali komportament awtomatikament jipprovoka u konsegwentament jikkawza ansjeta` u biza' kbira, speċjalment jekk wieħed jiġi mhedded b'ħajtu, liema komportament iwassal għal torment psikologu u emozzjonali. B'dan l-aġir, jidher li l-attriċi kienet kostretta li timxi fuq ponot subgħajha sabiex b'hekk ma tazzardax tagħmel xi ħaġa, anke jekk tkun ħaġa pjuttost sempliċi u ġenwina, li tista' b'xi mod tinkorla persuna b'demmu spont bħalma hu l-konvenut li ħafna mid-drabi kien ikun taħt l-effett tad-droga. Dan il-*modus vivendi* iwassal għal sikkatura inutli, dwejjaq u stress zejjed, li fl-aħħar mill-aħħar ma humiex fatturi desiderabbli f'ħajja mizzewġa.

Min-naħa l-oħra, l-attriċi tallega ukoll li kienet vittma ta' abbuz fiziku fejn elenkat numru ta' okkazjonijiet fejn l-konvenut ħebb għaliha, sawwatha, ġera warajha b'arma bil-ponta, qabadha minn għonqha, ipperikolalha ħajjitha u ħaraqha bil-ġamra tas-sigaretti. F'dan il-kuntest il-Qorti tevalwa li l-attriċi ma prezentatx rapport wieħed li għamlet mal-Pulizija rigward l-imsemmija istanzi ta' vjolenza fizika. Madanakollu u fir-rigward tal-allegata vjolenza fizika, l-attriċi pprezentat ritratti b'marki fuq idejha,[46] u ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib Dr Joseph Saliba fejn iċċertifika li minn allegati attakki ta' vjolenza fizika f'Ġunju 2017 l-attriċi soffriet minn ġrieħi ħfief.[47] Magħdud ma' dan, l-attriċi pprezentat ukoll ix-xhieda tas-social worker Sarah Micallef, fejn fin-notamenti tagħha ġie mnizzel li l-attriċi għamlet l-ewwel kuntatt mal-Aġenzija Appoġġ nhar id-9 ta' Marzu 2017 fejn infurmathom bl-abbuz fiziku, verbali u emozzjonali li kienet għaddejja minnu. Konsegwentamet u b'mod partikolari għat-8 ta' Ġunju 2017, fejn l-attriċi kellha appuntament mal-imsemmija social worker, l-Qorti kkunsidrat li l-attriċi marret għall-appuntament libsa xall li ma kienx addattat fit-temperatura sħuna ta' Ġunju, liema xall ġie milbus sabiex tgħatti *"diversi marki tondi li kienu jidhru qishom ħruq ta' sigaretti"*.[48] Barra minn hekk, kemm mas-social worker Sarah Micallef u kif ukoll Bernardette Briffa in rapprezentanza ta' Dar Merħba Bik, it-tnejn iddikjaraw illi l-attriċi irrakkontatilhom inċident li seħħ nhar is-7 ta' Ġunju 2017 fejn l-konvenut qabad lill-attriċi

[46] Fol. 298.
[47] Fol. 299.
[48] Fol. 316.

waddabha fuq is-sodda u għoddu fagaha. Fil-fatt kien proprju wara dan l-episodju li l-attriċi bdiet trabbi l-kuraġġ sabiex titlaq mir-relazzjoni u ġimgħa wara, bil-għajnuna tad-Dipartiment tal-Probabtion u Parole u l-CaGs, l-attriċi ġiet riferuta għal Dar Merħba Bik, fejn damet hemmhekk sakemm il-konvenut reġa' ġie arrestat wara li ma obdiex il-kundizzjonijiet tal-*parole*.

Il-Qorti kkunsidrat li ma hemm l-ebda prova li turi li l-attriċi verament kienet b'mod konsitsenti u ripettitiv vittma ta' abbuz fiziku matul ir-relazzjoni mal-konvenut. F'dan l-istadju, l-Qorti għandha biss il-kelma tal-attriċi, għaliex il-provi li resqet rigward vjolenza fizika jirrigwardaw episodju wieħed li seħħ ċirka nhar is-7 ta' Ġunju 2017, ftit qabel ma telqet mid-dar matrimonjali u sabet rifuġju f'Dar Merħba Bik, liema episodju ma jistgħax jiġi deskritt bħala wieħed ċivili u feliċi. L-Qorti tirribadixxi illi minkejja li l-attriċi allegat li l-konvenut kemm-il darba refa' jdejh fuqha jew kien vjolenti fizikament magħha, hija naqset milli tipprova l-istess. Madanakollu, mill-provi jidher ċar illi l-attriċi għamlet kuntatt mal-Aġenzija Appoġġ tlett (3) xhur qabel ma ġiet riferuta għal Dar Merħba Bik, fejn iddikjarat li kienet qiegħda ssofri minn abbuz fiziku, verbali u emozzjonali u b'hekk u fin-nuqqas ta' verzjoni kontradittorja, il-Qorti tinsab moralment konvinta li matul ir-relazzjoni mal-konvenut, l-attriċi kienet ukoll vittma ta' abbuz fiziku.

Fir-rigward tal-abbuz finanzjarju, l-Qorti evalwat il-provi kollha esebiti mill-attriċi u ċjoe' l-*employment history* tal-partijiet,[49] l-iskambju ta' *emails* bejn l-avukat tal-attriċi u l-LESA,[50] ir-rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut mal-Pulizija nhar id-9 ta' Novembru 2017 rigward numru ta' ċitazzjonijiet li għandu jħallas l-konvenut,[51] l-*invoices* u dikjarazzjoni maħruġa minn Intercomp Marketing Limited,[52] l-*invoices* maħruġa minn PC Options Lts (Scan),[53] ix-xhieda tal-attriċi fir-rigward tal-karozza, mutur u kors tat-*tatooing*,[54] u l-*bank*

[49] Fol. 268- 271.
[50] Fol. 300 – 302.
[51] Fol. 411 – 413.
[52] Fol. 303 – 304, 378 – 391.
[53] Fol. 417 – 422.
[54] Fol. 296 – 297.

*statements* tal-BOV fir-rigward tal-*loans* mehuda mill-attriċi nhar l-4 ta' Lulju 2015 u 11 ta' Lulju 2016.[55]

Jibda biex jingħad illi l-konvenut mill-2008 sal-2013 weħel sentenza ta' ċirka għaxar (10) snin effettivi ta' priġunerija.[56] B'hekk iz-zmien li qatta' ġewwa l-ħabs kien iktar minn dak li għamel barra bħala persuna libera. Għaldaqstant il-Qorti tifhem li minħabba s-sitwazzjoni li poġġa lilu nnifsu fiha l-konvenut, huwa kien finanzjarjament limitat. Magħdud ma' dan il-Qorti tirrileva illi meta l-attriċi iltaqgħat mal-konvenut u bdiet relazzjoni miegħu, hija kienet perfettament konsapevoli dwar il-passat tal-konvenut, is-sentenzi li kellu jiskonta ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u li finanzjarjament kellu bzonn lil min jassistih appena joħroġ mill-ħabs u dan sakemm isib saqajh.

L-okkażjonijiet li dwarhom l-attriċi qiegħda tibbaza l-allegazzjoni tagħha ta' abbuz finanzjarju jirrigwardaw: (i) karozza li ġiet mxtrija ċirka Marzu 2016,[57] (ii) mutur li ġie mixtri ċirka Lulju 2015,[58] (iii) kors tat-*tattooing* li nxtara għal ħabta ta' Lulju 2016,[59] (iv) *Ipad* li nxtara nhar is-6 ta' Settembru 2016,[60] (v) ċellulari li nxtara nhar l-4 ta' April 2015,[61] u (vi) *laptop* li nxtara id-9 ta' Awwissu 2016.[62] Fid-dawl tad-dati jew il-perjodi meta nxtraw l-affarijiet imsemmija, jidher li jikkombaċu mal-perjodi li fihom l-konvenut kien għadu kif joħroġ mill-ħabs u ċjoe' l-perjodu bejn l-2015 u l-2017. Fil-fehma tal-Qorti dawn l-affarijiet, għalkemm materjali, fil-ġurnata ta' llum huma meqjusa bħala affarijiet essenzjali li ssibhom fil-maġġor parti tal-familji. B'mod partikolari għal kors tat-*tattooing,* il-Qorti temmen illi dan inxtara u tħallas, sabiex il-konvenut ikun jista' jsib impjieg u jqum fuq saqajh. Aġġeġġi elettroniċi bħal *laptop, Ipad*, u ċellulari huma oġġetti essenzjali fil-ħajja ta' llum li jassistu lil dak li jkun fil-ħidma, studju u komunikazzjoni. Fl-aħħar nett u fir-rigward taz-zewġ vetturi, l-Qorti temmen li l-karozza ġiet mixtrija għall-uzu personali taz-zewġ partijiet,

[55] Fol. 119 – 126.
[56] Ara s-sentenzi kriminali esebiti.
[57] Fol. 318.
[58] Fol. 119.
[59] Fol. 124.
[60] Fol. 418.
[61] Fol. 378.
[62] Fol. 384.

filwaqt li l-mutur għall-uzu tal-konvenut u dan tenut kont tal-fatt li fil-passat l-konvenut kellu rreġistrat fuq ismu *scooter*, b'hekk ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut jaf isuq mutur. Tajjeb li jiġi sottolinejat illi l-konvenut kellu zmien fejn kien prekluz mill-Qrati nostrana illi jsuq xi vettura u kien proprju għal tali raġuni li kull vettura kienet tinsab irreġistrata fuq l-attriċi. Il-Qorti ma għandhiex a disposizzjoni tagħha dawk il-provi konkreti fejn jidher b'mod inekwivoku illi l-konvenut obbliga lill-attriċi sabiex tixtrilu u tagħmillu tajjeb għal oġġetti mhux neċessarji u dan minħabba għazz u b'hekk ma tistgħax tikkonkludi illi kien hemm abbuz finanzjarju.

Fid-dawl tal-premess u tenut kont tan-natura vjolenti, aggressiva, manipulattiva tal-konvenut, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante abbuz, vjolenza fizika, emozzjonali u verbali, eċċessi, minaċċji, sevizzi u offizi gravi, tant li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għandhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dan illi l-ħtija ghat-tifrik taz-zwieġ hija imputabbli unikament lill-konvenut abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

"***(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***[63]

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara datastabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkunkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' danil-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".***

L-Artikolu 51 jistipula:

***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

L-Artikolu 52 jistipula:

***"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda."***

Fil-każ odjern, il-konvenut huwa ħati tal-kapi kollha elenkati f'Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-attriċi. Fuq talba tal-attriċi sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* iċċitati, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi, l-abbuz fiziku, emozzjonali u verbali u d-determinazzjoni tal-attriċi li tipprovdi għal familja, ser tgħaddi sabiex tuza d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili

[63] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

u tilqa' t-talba attriċi billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut.

## 4. Il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

Miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieldet tifla waħda u ċjoe' F B, nhar is-26 ta' Lulju 2014. Għaldaqstant fil-prezent, it-tifla għandha sitt (6) snin u hija meqjusa minorenni. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, ma ġewx regolati bl-ebda digriet u dan stante li ma saret l-ebda talba f'dan ir-rigward. Il-Qorti tevalwa li fil-mori ta' din il-kawza ta' separazzjoni personali, l-attriċi pprezentat rikors wieħed biss li jirrigwarda l-minuri, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lil Uffiċċjal tal-Passaporti joħroġ passaport f'isem F B mingħajr il-kunsens tal-konvenut u tawtorizza lill-attriċi tirtira l-imsemmi passaport personalment minngħand id-Direttur tal-Passaporti. Permezz ta' digriet datat 19 ta' Diċembru 2019 il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-attriċi kif dedotti fir-rikors tagħha tal-21 ta' Novembru 2019,[64] salv li l-passaport ikun limitat għal din is-safra biss.[65]

Għaldaqstant, fil-prezent il-kura u kustodja tal-minuri F B tinsab konġunta bejn il-partijiet, fejn id-deċizjonijiet rigward is-saħħa u l-edukazzjoni għandhom jittiehdu miz-zewġ ġenituri flimkien. Jidher li l-minuri ilha ma tara jew tikkomunika ma' missierha, u ebda manteniment ma qiegħed jingħata għal minuri stante li fil-prezent l-konvenut jinsab mill-ġdid ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

<u>*Il-Kura u Kustodja tal-Minuri:*</u>

Fil-fehma tal-attriċi, il-kura u kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejha u dan stante li l-konvenut qatt ma ttenta jieħu ħsiebu, jarahaa jew jmantniha. Skont l-attriċi, *"D is not a responsible father and should not be entrusted with the care and custody of our child. Apart from the fact, that D is in prison, he also has a severe drug*

[64] Fol. 442.
[65] Fol. 447.

*problem and used to get high in front of her. His priority in life is not the well-being of his child but drugs who have always dominated his life".*[66] B'hekk fiċ-ċirkostanzi l-attriċi ma tħossx li jkun idoneju li l-minuri tiġi fdata ma' missierha.

Minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli** intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*[67]

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*[68]

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Jannar 1956 u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. D Scicluna**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Novembru 2003, illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-*

[66] Fol. 295.
[67] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[68] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…"*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinċipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana,** deċiza minn din il-Qorti nhar il-31 ta' Mejju 2017 u **Marlon Grech vs. Charlene Banks,** deċiza minn din il-Qorti nhar il-15 ta' Ġunju 2017, ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi tal-attriċi, il-Qorti tirrileva li m'għandhiex ma temminx l-verzjoni attriċi, meta l-konvenut kellu kull opportunita' li jiddefendi l-pozizzjoni tiegħu, *se mai,* rigward il-kwistjonijiet li jaffettwaw it-trobbija tal-minuri. Għal Qorti, dan l-aġir huwa wieħed li jirrispekkja disinteress u nuqqas ta' volonta' li wieħed jinvolvi ruħu b'mod adegwat fit-trobbija ta' bintu stess. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex lok sabiex tiddubita li l-minuri daħlet f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex prezenti. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-*modus vivendi,* anzi bil-wisq tikkundannah u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lil uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-ġenitur l-ieħor filwaqt li kappriċċozament jagħmel tabirruħu li m'għandux ulied u jgħix ħajja vizzjata.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-affidavit tal-attriċi fejn tagħti stampa kerha mmens, ċjoe' li l-konvenut kien saħansitra jabbuza minn sustanzi llegali quddiem bintu stess. F'dan ir-rigward il-Qorti tevalwa li mill-atti ma hemm l-ebda prova ta' dan u

b'hekk ma hijiex f'pozizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-istess sottomissjoni.

Konsegwentament l-attriċi tallega ukoll illi l-karattru tal-minuri inbidel għall-aħjar minn meta missierha reġa ġie arrestat u tisħaq illi *"from that day forward things have improved drastically. I have received very good feedback from the teachers and her behaviour has also improved, in that she no longer feels anxious and now interacts with others"*.[69] Għalkemm il-Qorti temmen li l-aġir tal-konvenut seta' ħoloq tensjoni enormi ġewwa d-dar matrimonjali, liema ambjent seta' affettwa l-*benessere* tal-minuri, jibqa' l-fatt li l-Qorti ma hijiex psikologa, psikoterapista jew social worker, u b'hekk ma tistgħax tikkonferma dak allegat mill-attriċi. Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, fejn għandna ġenitur li kien u apparentament għadu jabbuza mid-droga, kien ikun ta' benefiċċju għal Qorti li jiġi pprezentat rapport dwar l-izvilupp tal-minuri.

Minkejja l-premess u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri tkompli tgħix mal-attriċi, b'dana illi l-istess attriċi tibda tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, u ċjoe' dawk id-deċizjonijiet ordinarji u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi.

*Aċċess għal Minuri:*

Il-Qorti tinnota li l-minuri ilha ma tara jew tikkomunika ma' missierha għal zmien twil. Ma huwiex magħruf f'dan l-istadju jekk l-konvenut hux qiegħed ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin *o meno*.

[69] Fol. 296.

Madanakollu mill-atti jidher li fi kwalunkwe kaz, fil-prezent il-minuri mhux qed ikollha aċċess jew kuntatt ma' missierha, tenut kont tal-fatt ukoll li l-konvenut mhux qed juri interess lejn bintu.

Mill-atti ġudizzjali tal-attriċi, l-aċċess versu l-missier ma jissemma' imkien. Il-Qorti tirribadixxi illi minkejja li l-konvenut mhux qed jagħmel kuntatt ma' bintu, separazzjoni ta' zewġ adulti m'għandhiex titfa' pressjoni fuq l-ulied jew tinfluwenzahom b'tali mod illi jkunu parzjali lejn wieħed jew waħda mill-partijiet. Il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbazi ta' struzzjoni professjonali. Madanakollu, l-Qorti bil-wisq temmen li n-nuqqas ta' interess da parti l-konvenut versu bintu, huwa kolpa tal-vizzju tad-droga li jikkontrollah u jiddizorjentah mir-realta' assoluta. Il-Qorti tikkonsidra li mill-perjodu meta l-partijiet ma baqgħux flimkien, u ċjoe' minn Ġunju 2017, għaddew kwazi tlett (3) snin, u jista' jagħti l-kaz li l-konvenut irriabilita ruħu. Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti temmen ukoll illi kieku dan kien il-kaz, il-konvenut kien jittenta jagħmel kuntatt mal-kuraturi deputati.

F'kawzi ta' din ix-xorta, il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilita' li ġenitur u iben jew bint, ikollhom relazzjoni. Madanakollu, in vista: (i) tan-nuqqas ta' interess da parti l-konvenut f'bintu, (ii) il-passat ikkulurit tal-konvenut, (iii) tan-nuqqas ta' informazzjoni dwar kif u fejn jinsab il-konvenut, b'mod partikolari jekk irriabilitax ruħu u jekk hux qiegħed jingħata għajnuna professjonali, (iv) tal-*benessere* tal-minuri, u (v) li sa dan l-istadju l-Qorti m'għandha l-ebda rakkomandazzjoni ta' esperti fil-qasam, fl-interess suprem tal-minuri qiegħda f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus*, tipprojbixxi illi jsir kwalunkwe tip ta' aċċess jew komunikazzjoni bejn il-minuri u l-konvenut. Huwa stat ta' fatt illi l-konvenut minkejja l-karattru aggressiv, vjolenti u abbuziv, għandu bzonn l-għajnuna. Madanakollu fl-aħħar mill-aħħar sta għalih li jaħdem sabiex jinqala' miċ-ċirku vizzjuz li jinsab fih, sabiex b'hekk u f'kaz li għandu għal qalbu l-interessi ta' bintu, ikun f'pozizzjoni li fil-futur jitlob lil Qorti kompetenti għall-aċċess billi jipprova b'mod inekwivoku li biddel ħajtu radikalment.

*Manteniment għal Minuri:*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".***

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Mill-provi mresqa, l-Qorti kkunsidrat li ma jiġix stabbilit x'inhu l-aħħar impjieg taz-zewġ partijiet u l-introjtu tagħhom. L-attriċi tidher mal-Jobsplus li qiegħda taħdem fuq bazi *part-time* bħala *self-employed* f'impjieg deskritt bħala *coach coordinator*,[70] madanakolu fl-affidavit tagħha tiddikjara li taħdem bħala *quality assurance coordinator* ma' Centre Call u l-introjtu tagħha huwa ta' €1,200.[71] Fi kwalunkwe kaz, l-attriċi naqset milli tipprezenta l-FS3 jew *payslips* tagħha sabiex tikkorrabora l-verzjoni allegata minnha dwar l-introjtu. Min-naħa l-oħra, il-konvenut qiegħed ukoll imnizzel mal-Jobsplus li qiegħed jaħdem fuq bazi *full-time* bħala *self-emplyed tattooist*.[72] Madanakollu ma huwiex magħruf f'dan l-istadju jekk il-konvenut huwiex qiegħed

[70] Fol. 271.
[71] Fol. 296.
[72] Fol. 269.

jiskonta sentenza ta' priġunerija ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

In vista tas-suespost, il-Qorti tordna lil konvenut u dan ġialadarba l-minuri ser tkompli tabita mal-omm, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal F B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Din is-somma bazika qiegħda tittiehed abbazi tal-fatt li l-konvenut dieħel u ħiereġ mill-ħabs, filwaqt li l-attriċi ma pprezentat l-ebda prospett b'irċevuti annessi dwar l-ispejjez relatati mal-minuri. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħzel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jibda jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri u dan minnflok il-konvenut.[73]

## 5. It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar is-27 ta' Mejju 2011, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Madanakollu, bis-saħħa tas-sentenza parzjali mogħtija minn din il-Qorti nhar l-4 ta' Diċembru 2018, il-komunjoni tal-akkwisti ġie tterminat ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.

[73] Fol. 257, 272.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Fir-rigward ta' proprjeta' u/jew dar matrimonjali, il-Qorti tinnota li fiz-zwieġ ma jidhirx li saru transazzjonijiet ta' xiri jew bejgħ ta' proprjeta', tant illi l-attriċi fl-affidavit tagħha tiddikjara li *"Our matrimonial home was always my mother's residence, that is 'XX Triq l-X, San Ġwann'. We therefore have no title over the house whatsoever".*[74]

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, il-Qorti tevalwa li l-partijiet għandhom numru ta' kontijiet fuq isimhom izda ma hemm ebda kont konġunt. Il-Qorti tara li l-kontijiet in kwistjoni jvarjaw bejn *savings accounts*, *credit cards*, *loans*, *student accounts* u *current accounts*, u dawn mal-banek Bank of Valletta plc, HSBC Malta plc, u APS Bank plc.[75] Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li huwa idoneju illi l-partijiet jzommu dawk il-kontijiet li huma ntestati fuq isimhom, inkluz il-kontijiet tal-*loans.*

Fir-rigward ta' investiment, mill-atti jirrizulta illi tezisti polza ta' assigurazzjoni bin-numru FP498850 li tinsab f'isem l-attriċi, liema polza tal-assigurazzjoni bdiet nhar il-20 ta' Lulju 2015 u dan għal perjodu ta' seba' (7) snin.[76] Din il-polza ta' assigurazzjoni, l-Qorti qiegħda tassenjaha lill-attriċi u dan tenut kont tal-fatt li tezisti l-probabilita' li l-flus investiti f'din il-polza ta' assigurazzjoni kienu jappartjenu lill-attriċi u *di piu'* in vista tas-sanzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili ikun xieraq li din tiġi assenjata lilha.

Fir-rigward tal-vettura Volkswagen Passat imsemmija mill-attriċi,[77] l-Qorti tinnota li fl-atti jissemmgħu zewġ karozzi tat-tip Volkwagen Passat, izda waħda bin-numru ta' reġistrazzjoni JBT-996 u l-oħra FAV-661. Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tiddikjara li kienet xtrat karozza lil konvenut ta' din il-marka u dan versu l-prezz ta' €20,000 minn għand Premier Cars Limited. Ġie allegat illi din il-vettura bdiet tintuza mill-konvenut meta ħareġ mill-Programm ta' riabilitazzjoni, fejn qala'

[74] Fol. 296.
[75] Fol. 32 – 151: Bank of Valletta plc *statements* bankarji tal-partijiet, Fol. 152 – 218: HSBC Bank Malta plc *statements* bankarji tal-partijiet, Fol. 219 – 254: APS Bank plc *statements* bankarji tal-partijiet.
[76] Fol. 377.
[77] Fol. 296.

numru ta' ċitazzjonijiet. Sabiex tikkorrabora dan, l-attriċi annettiet mal-affidavit tagħha, korrispondenza mal-LESA datata 16 ta' Novembru 2017, fejn ssir referenza għal karozza *"tal-marka Passat CC, numru tar-reġistrazzjoni JBT-996. Għalkemm il-klienta tiegħi kienet pruvat twaqqaf lir-raġel milli juza l-karozza, stante li din il-karozza wara kollox qegħda fuq isimha u hija l-persuna responsabbli, huwa ħa l-pussess tal-vettura. Di fatti, id-dati ta' meta ġew komessi l-kontravenzjonijiet jirrikoroboraw il-perjodu illi huwa kien fuq parole".*[78]

Madanakollu, kif il-Qorti ivverifikat ix-xhieda ta' Stephen Cachia u Karin Cremona, in rapprezentanza ta' Transport Malta, ta' nhar il-15 ta' April 2019 u 24 ta' Ottubru 2019 rispettivament, jidher illi ħadd mill-partijiet ma kellhom fuq isimhom karozza tat-tip Volkswagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni JBT-996, kif imsemmija fil-korrispondenza mal-LESA. Mix-xhieda u d-dokumenti prezentati minn Transport Malta jirrizulta illi fil-mument tax-xhieda ta' Stephen Cachia u ċjoe' fil-perjodu ta' April 2019, ħadd mill-partijiet ma' kellu vetturi rreġistrati fuq ismu, filwaqt li fix-xhieda ta' Karin Cremona ġew ipprezentati d-dokumenti relattivi għal karozzi li kellhom i-partijiet fil-passat, fejn irrizulta li l-attriċi kellha fuq isimha zewġ muturi u karozza waħda u ċjoe' Volkswagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni FAV-661, liema vettura kienet fuq isem l-attriċi fil-perjodu bejn it-22 ta' Marzu 2016 u t-22 ta' Diċembru 2017,[79] filwaqt li l-konvenut fil-passat kellu fuq ismu mutur wieħed u karozza waħda tat-tip Volkwagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni GTI-247, liema vettura kienet fuq isem il-konvenut fil-perjodu bejn il-21 ta' Novembru 2003 u l-15 ta' Diċembru 2004.[80]

Mill-atti jirrizulta illi Premier Cars Limited u LESA ma xehedux fil-kawza odjerna, u b'hekk ma hemm l-ebda provi dwar din il-karozza mixtrija mill-attriċi matul iz-zwieġ tagħha mal-konvenut, u *di piu'* Transport Malta ma ġewx mistoqsija dwar il-vettura tat-tip Volkwagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni JBT-996. Għaldaqstant u abbazi tad-dokumenti pprezentati minn Transport Malta, il-Qorti sejra tieħu

[78] Fol. 300.
[79] Fol. 318 – 321.
[80] Fol. 322 – 324.

konsiderazzjoni li matul iz-zwieġ inxtrat karozza tat-tip Volkwagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni FAV-661. Fil-fatt il-Qorti tirrileva illi z-zmien indikat mill-attriċi fil-korrispondenza tagħha mal-LESA jikkombaċa perfettament maz-zmien meta' l-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni FAV-661 kienet irreġistrata fuq isem l-attriċi, ċjoe' l-perjodu bejn l-2016 u 2017. Minkejja li ma hemm l-ebda dubju li din il-vettura ġiet mixtrija matul iz-zwieġ, il-Qorti ma għandhiex il-valur preċiz ta' kemm ġiet mixtrija, għajr għall-prezz indikat mill-attriċi stess fl-affidavit tagħha ta' €20,000, liema vettura sussegwentament u allegatament ġiet mibjugħa għal prezz ta' €10,000. Jingħad illi dawn l-flus intuzaw sabiex jitħallas Premier Cars Limited u kif ukoll numru ta' ċitazzjonijiet tal-LESA. Minkejja tali allegazzjoni, l-Qorti kkunsidrat li d-dħul mill-bejgħ ta' din il-karozza ma ġiex ippruvat u wisq anqas ma ġiet ipprezentata prova dwar x'sar mir-rikavat tal-bejgħ, ċjoe' prova tal-allegat ħlas imsemmi mill-attriċi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Salvu Attard vs Salvu sive Sammy Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati Għawdex, nhar il-14 ta' Mejju 2007, ġie ribadit illi: "*Min jallega l-pagament għandu l-oneru li jagħti l-prova li l-obbligazzjoni ġiet estinta bil-ħlas. Għalkemm huwa minnu li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tingħata mhux biss b'riċevuti li, b'ċerta finalita' jattestaw l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, iżda din il-prova tista' tinġieb ukoll b'meżżi oħra. Fl-assenza ta' riċevuti, pero', il-prova trid tkun tali li ma tħalli ebda dubbju f'moħħ il-ġudikant*".

In vista tal-fatt li l-provi f'dan ir-rigward il-provi huma skarsi, l-Qorti ma tistgħax tilqa' t-talba tal-attriċi illi titħallas lura is-somma intera tal-karozza. Il-Qorti hija moralment konvinta illi l-karozza in kwistjoni ġiet uzata miz-zewġ partijiet. Għalkemm fl-affidavit tagħha l-attriċi tagħti x'tifhem li xtrat karozza għax talabha tagħmel dan il-konvenut u li tali vettura bdiet tintuza hekk kif il-konvenut ħareġ mill-programm ta' riabilitazzjoni, min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistgħax ma tinnutax il-kliem li ntuza fil-korrispondenza mibgħuta lil LESA: *"tul il-perjodu li huwa ma baqgħax il-ħabs, ir-raġel tagħha kien juza l-imsemmija karozza... għalkemm il-klijenta tiegħi pruvat twaqqaf lir-raġel tagħha milli juza l-karozza, stante li din il-karozza wara kollox qegħda fuq isimha u hija l-persuna responsabbli, huwa ħa l-pussess tal-vettura"*. Huwa inkonfutabbli illi l-konvenut għamel uzu u li ħa fil-pussess tiegħu il-vettura in kwistjoni, izda dan jirrizulta li sar bin-nuqqas ta'

volonta' tal-attriċi għaliex jidher li l-attriċi riedet li l-karozza tkun għaliha u mhux għall-konvenut. B'hekk il-Qorti ma tistgħax tasal għal konkluzjoni illi l-karozza inxtrat mill-attriċi għall-uzu tal-konvenut, kif intqal fl-affidavit. Barra minn hekk, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-attriċi ma kellha l-ebda problema li l-konvenut jagħmel uzu mill-karozza tagħha, izda dan ma baqax il-kaz hekk kif l-konvenut kien irrisponsabbli u beda jaqla' ħafna ċitazzjonijiet.

Fid-dawl tal-premess u fir-rigward tal-vettura tat-tip Volkawagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni FAV-661, il-Qorti qiegħda toqgħod fuq il-valur mogħti mill-attriċi stess ta' €20,000 u dan in vista tal-fatt li tali ċifra ma hijiex kontradetta, u *di piu'* tordna lil konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' €10,000 ekwivalenti għal nofs is-somma in kwistjoni u dan bħala sehemu mill-istess karozza.

<u>Fir-rigward tal-mutur</u> imsemmi mill-attriċi fl-affidavit tagħha, il-Qorti kkunsidrat illi mix-xhieda ta' Karin Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta jidher li l-attriċi kellha fuq isimha zewġ (2) muturi u ċjoe': (i) mutur tat-tip Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni BCG-867, li kien irreġistrat fuq isimha fil-perjodu bejn is-6 ta' Lulju 2015 u id-19 ta' Ottubru 2015, u (ii) mutur tat-tip Kymco bin-numru ta' reġistrazzjoni IBW-235, li kien irreġistrat fuq isimha fil-perjodu bejn id-19 ta' Ottubru 2015 u d-29 ta' Ottubru 2015.[81] Min-naħa l-oħra, l-konvenut jidher li fil-passat kellu ukoll mutur.[82] Il-verzjoni tal-attriċi dwar il-*loan* li ħadet minngħand il-BOV hija kkonfermata, fejn mid-dokumenti ezebiti mill-Bank BOV jidher illi l-attriċi ħadet *loan* ta' €10,000 nhar l-4 ta' Lulju 2015,[83] li mill-kalkoli tal-Qorti għadu qed jitħallas. Meta wieħed iqabbel id-data tal-*loan* u r-reġistrazzjoni tal-mutur Yamaha fuq isem l-attriċi, jidher li dawn jikkombaċu flimkien, u b'hekk ma hemm l-ebda dubju dwar il-verzjoni attriċi. Minkejja din il-prova, l-attriċi tonqos milli ġġib prova dwar kemm inxtara l-mutur in kwistjoni u b'hekk il-Qorti qiegħda tieħu l-valur ta' €10,000, ċjoe' l-ammont misluf mill-bank. Magħdud ma' dan, l-attriċi tonqos ukoll milli tispjega rigward ir-raġuni għaliex l-imsemmi mutur ma baqgħax

[81] Fol. 318, 319, 321.
[82] Fol. 322, 324.
[83] Fol. 119 – 123.

reġistrat fuq isimha f'Ottubru 2015, izda minnflok ġie reġistrat fuq isimha mutur ieħor u dan għal ftit jiem biss.

Il-Qorti tikkonsidra li ma għandhiex ħafna provi rigward għal min ittiehed il-*loan* u min kien jagħmel uzu mill-mutur in kwistjoni. Fiċ-ċirkostanzi kien ikun ideali, li kellu jiġi ppruvat min għandu liċenzja tas-sewqan ta' mutur. Madanakollu fiċ-ċirkostanzi u tenut kont tal-provi li għandha quddiemha, l-Qorti tinsab moralment konvinta li l-mutur inxtara u kien jintuza mill-konvenut stante li fi zmien bejn l-2001 u l-2003 kellu reġistrat fuq ismu *scooter* tat-tip Piaggio, u b'hekk il-Qorti temmen li l-konvenut għandu l-ħila jsuq mutur, filwaqt li fir-rigward tal-attriċi ma hemm l-ebda prova li torbotha mad-delizzju jew sewqan tal-muturi. Għaldaqstant, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €10,000 rapprezentanti l-flus imħallsa f'*loan* għal mutur mixtri matul iz-zwieġ, inkluz l-interessi li kellhom jiġu mħallsa mill-attriċi fuq l-istess *loan*.

Fir-rigward tal-kors tat-*tattooing*, il-Qorti tevalwa li ma hemmx ħafna provi l dwar dan l-imsemmi kors. L-attriċi tirrileva illi għal tali kors il-konvenut kien jattendi għand wieħed jismu Clint, li ma ġiex prodott bħala xhud. Madanakollu, l-Qorti tara li l-verzjoni tal-attriċi rigward li ħadet *loan* mal-Bank BOV sabiex tħallas dan l-kors, hija kkorraborata hekk kif mill-atti jirrizulta li l-attriċi ħadet *loan* ta' €3,000 nhar il-11 ta' Lulju 2016.[84] Barra minn hekk, il-Qorti tkompli tikkonferma l-verzjoni tal-attriċi hekk kif mid-dokumenti esebiti minn Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus, jidher li l-attur ġie mnizzel li beda jaħdem ta' *tattoo artist* mis-27 ta' Jannar 2017, u ċjoe' ċirka sitt (6) xhur wara li ttiehed il-*loan*.[85] B'hekk jidher li f'dan il-kaz il-verzjoni tal-attriċi hija kkonfermata, u wara kollox l-Qorti temmen li sabiex wieħed ikun f'pozizzjoni li jaħdem ta' *tattoo artist* għandu jkollu l-ħila, l-kompetenza u s-sengħa neċessarja għal dan ix-xogħol. B'hekk fiċ-ċirkostanzi l-verzjoni tal-attriċi li l-konvenut attenda kors tat-*tattooing* tidher bħala veritjiera. Għaldaqstant qiegħda tordna lil konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €3,000 rapprezentanti l-flus imħallsa minnha f'*loan* għal kors tat-*tattooing*, mehud u mħallas mill-attriċi

[84] Fol. 124 – 126.
[85] Fol. 269.

matul iz-zwieġ, inkluz l-interessi li kellhom jiġu mħallsa mill-attriċi fuq l-istess *loan*.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara ukoll li fl-affidavit tagħha l-attriċi tirrileva illi l-ġenituri tagħha ħalsu lil konvenut is-somma ta' €3,000 f'aġġeġġi neċessarji għat-*tattooing*.[86] Madanakollu l-Qorti kkunsidrat li f'dan ir-rigward ma ġiet ipprezentata l-ebda informazzjoni dwar dan l-*equipment* u kif ukoll irċevuti sabiex isaħħu l-argument tal-attriċi. In vista li tali allegazzjoni ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi, il-Qorti ma tistgħax tieħu konjizzjoni ta' din l-allegazzjoni u konsegwentament tgħaddi sabiex tordna lil konvenut jirrifondi tali somma lil ġenituri tal-attriċi.

<u>Fir-rigward tal-*laptop, ipad* u ċellulari</u>, il-Qorti kkunsidrat li l-attriċi resqet ix-xhieda tal-Intercomp Marketing Limited u PC options Limited (Scan) sabiex jikkonfermaw tali xiri da parti l-attriċi.[87] Ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar ix-xiri ta' dawn l-aġġeġġi eletroniċċi u lanqas dwar il-perjodu meta nxtraw, ċjoe' meta l-konvenut ħareġ mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin għal ħabta tal-2015. Mid-dokumenti esebiti mir-rapprezentant ta' Jobsplus, jidher illi dak iz-zmien l-konvenut kien imnizzel magħhom li ħadem bħala mastrudaxxa ma' Toom Malta Limited għal perjodu brevi ta' xahrejn.[88] Għaldaqstant, il-Qorti temmen li l-ħlas ta' dawn l-aġġeġġi fuq perjodu ta' xhur, sar mill-attriċi li dejjem kienet f'impjieg.[89] Min-naħa l-oħra, l-Qorti rat li ma hemm l-ebda prova dwar jekk dwan l-aġġeġġi nxtrawx speċifikament għall-konvenut. Huwa stat ta' fatt li l-attriċi għandha zewġt itfal u jista' jagħti l-kaz li tali aġġeġġi nxtraw għalihom jew saħansitra għall-attriċi nnifisha. Madanakollu, jista' jagħti l-kaz ukoll li tali affarijiet inxtraw ukoll għall-konvenut sabiex jibda ħajtu mill-ġdid wara li ħareġ mill-ħabs. Ormai fil-ġurnata ta' llum *laptop, ipad* u ċellulari huma meqjusa bħala elettroniċi li huma meħtieġa u li ssibhom f'kull dar. Tenut kont tan-neċessita' ta' dawn l-aġġeġġi elettroniċi fil-ħajja ta' kuljum u kif ukoll tal-fatt li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa lejn il-bzonnijiet u l-għixien tal-familja, l-Qorti hija moralment konvinta li ai termini tal-Artikolu 48 *et seq,* dawn l-aġġeġġi għandu

[86] Fol. 297.
[87] Fol. 373, 371, 378 – 391, 417 – 422.
[88] Fol. 268 – 269.
[89] Fol. 270 – 271.

jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut. Għaldaqstant, il-Qorti tordna lil konvenut sabiex iħallas lil attriċi s-somma ta' €4,677.78 rapprezentanti f'xiri u interessi ta' *laptop*, *printer*, *ipad* u zewġ ċellulari.[90]

Fir-rigward tal-*Allowance* tat-Tfal, mix-xhieda ta' Ivan Cilia in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, jidher li l-konvenut kien qiegħed jipperċepixxi l-*Allowance tat-Tfal* taz-zewġt itfal tal-attriċi, sa mill-2014 u ċjoe' minn meta twieldet il-minuri F B.[91] Għaldaqstant il-konvenut qiegħed jiġi ordnat sabiex jħallas lura is-somma pperċepita minnu f'*Allowance* tat-Tfal għan-nom ta' I u F u dan mill-2014 sal-aħħar pagament li d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ħarġu f'isem il-konvenut. Għal dan il-għan, il-Qorti tissolleċita lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali sabiex mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibda jibgħat l-*Allowance* tat-Tfal lill-attriċi, filwaqt li jagħmel il-kalkolu tas-somma globali li ġiet ipperċepita mill-konvenut matul dawn is-snin, liema kalkolu għandu jiġi mgħoddi lill-partijiet jew l-Avukati patroċinati tagħhom, sabiex b'hekk tkun magħrufa s-somma preċiza li l-konvenut għandu jħallas l-attriċi *f'Allowance* tat-Tfal.

## 6. Beni Parafernali:

Minkejja li fir-rikors ġuramentat, l-attriċi titlob li tiġi restitwita dawk l-assi parafernali tagħha, fl-atti ta' din il-kawza ma jissemgħu l-ebda assi parafernali li għandhom jiġu resitwiti lill-attriċi.

## 7. Ordni ta' Protezzjoni a favur l-Attriċi u l-Familja Immedjata Tagħha:

L-attriċi titlob l-protezzjoni tal-Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti wara li rat il-provi kollha, b'mod partikolari l-affidavit tal-attriċi, ix-xhieda u d-dokumeni esebiti minn Ivan Scicluna in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Probabtion u l-Parole, ix-xhieda u n-notamenti esebiti mis-social worker Sarah Micallef in

[90] Fol. 417: Ipad għal valur ta' €1,125, Fol. 418: Interessi fuq il-ħlas tal-Ipad għal valur ta' €138.79, Fol. 420: Ċellulari għal valur ta' €829.01, Fol. 421: Interessi fuq il-ħlas taċ-ċellulari għal valur ta' €64.54, Fol. 378: Ċellulari għal valur ta' €664.56, Fol. 384: Laptop u Printer għal valur ta' €1,855.88.
[91] Fol. 257, 272.

rapprezentanza tad-Domestic Violence Unit fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ u x-xhieda u r-rapport ta' Bernardette Briffa in rapprezentanza ta' Dar Merħba Bik, waslet għal konkluzjoni li l-konvenut kien abbuziv verbalment, fizikament u emozzjonalment versu l-attriċi, fejn ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet mimlija theddid u minaċċji, liema theddid fil-fehma tal-Qorti wasslu lill-attriċi sabiex tibza għal ħajjitha u għal ħajja tal-familjari tagħha. B'hekk il-Qorti tinsab sodisfatta li l-ħajja miżżewġa tal-partijiet kienet dominata minn vjolenza domestika.

In vista ta' dan, il-Qorti tara li għas-serħan il-moħħ u l-protezzjoni tal-attriċi u l-familjari tagħha, fiċ-ċirkostanzi huwa idoneju illi jiġi applikat l-Artikolu 39 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fejn id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal ordni maħruġa minn din il-Qorti taħt l-Artikolu 39 tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant il-Qorti permezz ta' digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza, qiegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra C D sive D E B a favur A B, ġja H, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 361187M u tal-familja immedjata tagħha li tinkludi lil uliedha u l-ġenituri tagħha, u dan taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

(i) Tipprojbixxi lil C D sive D E B milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' A B, ġja H u l-familja immedjata tagħha;

(ii) Tipprojbixxi lil C D sive D E B milli jikkuntattja b'kull mod, inkluz bil-mezzi eletroniċi, lil A B, ġja H u l-familja immedjata tagħha, u tordnalu sabiex izomm distanza ta' mhux anqas minn kilometru mill-fond fejn jirrisjedu, tal-post tax-xogħol u/jew l-iskola tal-attriċi, uliedha u l-familja tal-attriċi, u f'distanza ta' mhux anqas minn mitejn metru (200m) kull fejn tkun tinstab A B, ġja H u l-familja immedjata tagħha;

(iii) Tipprojbixxi lil C D sive D E B milli b'kull mod, inkluz bil-mezzi eletroniċi, jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil A B, ġja H u l-familjari kollha tagħha;

(iv) Din l-Ordni ta’ Protezzjoni qed tingħata effett immedjat u tibqa’ fis-seħħ għal ħames (5) snin, liema zmien jista’ jiġi ridott jew estiz għal perjodi ulterjuri ai termini tal-Artikolu 412(Ċ)(9) tal-Kodiċi Kriminali;

(v) Jekk mingħajr raġuni valida C D sive D E B jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu permezz ta’ din l-Ordni ta’ Protezzjoni, jista’, jekk jinstab ħati, jeħel multa ta’ sebat elef Ewro (€7,000) jew priġunerija ta’ mhux izjed minn sentejn, jew it-tnejn li huma;

(vi) Kopja ta’ din l-Ordni għandha tiġi notifikata lil C D sive D E B a kariku ta’ A B, ġja H, bil-mezz tal-purtier u jekk ikun hemm bzonn wara l-hinijiet legali.

(vii) Is-sentenza ta’ separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet u l-Ordni ta’ Protezzjoni maħruġa llum kontra C D sive D E B għandhom jiġu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**8. Kunjom Xbubit l-Attriċi:**

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoe’ *‘H’*. Il-Qorti tilqa’ din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-konvenut, filwaqt li tindika li n-numru progressiv ta’ reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 630/2014 u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b’din is-sentenza ta’ separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' it-tieni, it-tielet u s-sitt talba, u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri tkompli tirrisjedi mal-attriċi u l-istess attriċi tibda tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, u ċjoe' dawk id-deċizjonijiet ordinarji u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi; fl-istess waqt il-Qorti qiegħda f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus*, tipprojbixxi illi jsir kwalunkwe tip ta' aċċess jew komunikazzjoni bejn il-minuri F B u l-konvenut u dan sakemm il-konvenut ma jippruvax a sodisfazzjoni tal-Qorti li huwa biddel ħajtu u jipprova li ma jkunx ta' dannu għall-minuri jekk ikollha xi forma ta' aċċess miegħu;

3. Tilqa' ir-raba' u l-ħames talba, u tordna lil konvenut u dan ġialadarba l-minuri ser tkompli tabita mal-omm, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal F B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħzel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jibda jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri; Tordna lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali sabiex b'mod immedjat mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jibda jagħti l-*Allowance* tat-Tfal lill-attriċi, filwaqt li jagħmel il-kalkolu tas-somma globali li ġiet ipperċipta mill-konvenut matul dawn is-snin,

liema kalkolu għandu jiġi kkomunikat lill-partijiet jew l-Avukati difensuri tagħhom;

4. Tilqa' is-seba' talba u permezz ta' digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza, il-Qorti toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra C D sive D E B a favur A B, ġja H, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 361187M u tal-familja immedjata tagħha li tinkludi lil uliedha u l-ġenituri tagħha, u dan taħt il-kundizzjonijiet kif elenkati f'parti numru sebgħa (7) ta' din is-sentenza; u ċjoe' *'Ordni ta' Protezzjoni a favur l-Attriċi u l-Familja Immedjata Tagħha'*;

5. Tilqa' it-tmien u l-ħdax-il talba, u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha ikkontemplati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili u tipprosegwi billi tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

6. Tilqa' limitatament id-disa' talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet li ġiet itterminata minn din il-Qorti permezz ta' sentenza parzjali nhar l-4 ta' Diċembru 2018, b'dana illi d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tal-ħames (5) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*. Konsegwentament u għar-raġunijiet premessi fis-sitt (6) parti ta' din is-sentenza dwar il-beni parafernali, il-Qorti tastjeni milli tiddikjara u tordna r-restituzzjoni tal-beni parafernali;

7. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-għaxar u tlettax-il talba;

8. Tilqa' it-tnax-il talba u tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha *'H'*;

9. Tilqa' l-erbatax-il talba u tawtorizza lil attriċi tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk relatati mal-atti bin-numru 137/18/2AL rigward il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.